MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa' Leġislatura

Seduta Numru 09.33, il-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 33 tad-Disa' Leġislatura, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2026, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret '*live*' permezz tas-sistema tal-'*online streaming*' kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'*Video On Demand*' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

PREŻENTI	Paul Vella	Sindku
	Wistin Vella	Viċi sindku
	Odette Muscat	Kunsilliera
	Charles Said	Kunsillier
	Owen Galea	Kunsillier
	Cyprian Dalli	Segretarju Eżekuttiv

PREŻENTI B' MOD VIRTWALI	Ħadd
ASSENTI B' APOLOĠIJA	Ħadd
ASSENTI	Ħadd
MEMBRI TAL-PUBBLIKU	Ħadd

----- MINUTI -----

Preamboli u Aġenda

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:42pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

33.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

33.04 Korrispondenza

33.05 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

33.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti

33.07 Pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku

33.08 Proġetti

33.09 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

33.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

33.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

33.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.02.01 Il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew mibgħuta minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

33.02.02 Għaldaqstant, il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

33.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

33.03.01 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa dwar il-ftuħ ta' Triq id-Dagħbien u possibbilment anke Triq Ġorġ Zammit.

33.03.02 Dwar Triq il-Konkorsi Teatrali, is-Sindku semma li kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel proposta ta' kif kellha tiġi t-triq sabiex jinbeda l-proċess.

33.03.03 Is-sindku ta rendikont tal-laqgħa li kienet saret mal-Water Services Corporation dwar il-bżonn li tinqala l-by-pass mill-ġdid biex jgħaddu servizzi ġodda tal-ilma. Il-Kunsill wera li kien kontra li tingħalaq it-triq imma jitnaqqsu il-bankini biex it-triq tibqa tiffunzjona matul il-proġett li kellu jieħu madwar sentejn.

33.03.04 Is-Sindku semma li dan kien l-ewwel sajf fejn ma kienx hemm tgergir u rapporti dwar il-lattrini tal-Ġnejna. Dan wera li l-investiment tal-Kunsill fil-modernizzar ta' dawn il-lattrini kien wieħed effettiv, għalkemm l-ispiza kienet iebsa sew fuq il-Kunsill.

33.04 Korrispondenza

33.04.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenza oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu mwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

33.04.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet waslet korrispondenza mingħand Transport Malta dwar is-sistema tal-immaniġjar tat-traffiku kif ukoll rapport mingħand it-Technical Consultancy tal-istess aġenzija dwar toroq li ġew approvati li jsiru one-way imma l-Kunsill ma kienx daħħalhom fis-seħħ. Il-Kunsill iddiskuta fid-dettall u fl-aħħar irrisolva li tintalab laqgħa ma' Triansport Malta biex dawn il-fatti jkunu jistgħu jiġu diskussi.

33.04.03 Marbut ma' dan, il-Kunsill iddiskuta l-approvazzjoni ta' Transport Malta għall-linja safra doppja tul Triq David H. Trump. Il-Kunsill issa ried li titneħħa il-one way minn din it-triq u ssir il-linja doppja safra.

33.04.04 Ukoll, il-Kunsill ġie ippreżentat bl-ittra ta' Transport Malta dwar linji sofor u telf ta' parkeġġ fi' Triq il-Vanilja. Il-Kunsill kien sar jaf li din kienet ordnata min Transport Malta stess. Il-Kunsill ser jirrispondi hekk dwar din.

33.05 Temi Oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

33.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien irċieva 4 applikazzjonijiet għal-vakanza ta' Uffiċċjal Klerikali. Ser ikunu qed isiru l-intervisti fil-jiem li ġejjin.

33.05.02 Ġiet diskussa ir-rotta tat-238 biex din tiġi isurulha xi modifiki żgħar fil-mod kif tgħaddi miċ-ċentru tal-lokalita' sabiex tiġi aktar effettiva. Il-Kunsill qabel u ser issur proposta lill-Malta Public Transport.

33.05.03 Ġew diskussi is-sejħiet għall-offerti tal-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li :

i. Terġa tinħareġ is-sejħa għas-servizz ta' xogħolijiet urbani u manutenzjoni tal-bankini etc;

ii. Tinħareġ is-sejħa għax-xogħol tal-entratura ta' Għajn Tuffieħa.

33.05.04 il-Kunsill iddiskuta aċċident tat-traffiku li kien sar fi' Triq il-Kbira, quddiem tal-Ingliz. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għall-traffic calmer f' dan il-post.

33.05.04 Saret diskussjoni dwar is-servizz tal-knis mid-Divizjoni tat-Tindif u Manutenzjoni. Issemma li kien hemm diversi affarijiet fejn is-servizz seta jitjieb. Ser tintbgħat korrispondenza lid-Direttur Ġenerali sabiex jitjieb is-servizz u possibbilment jiżdiedu l-ħaddiema.

33.05.05 Issemmiet il-Bus Stop ta' Triq San Pietru, u kif din ġiet l-ewwel immexxija imbgħad maqlugħa minn fuq il-post. Il-Kunsill kien ser jara post alternattiv fejn din il-Bus-Stop setgħet tiġi installata.

33.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

33.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti Numru 9/2026, li kienet tammonta għall-€55,068.09 fi' ħlasijiet relatati max-xogħlijiet u s-servizzi tal-Kunsill, kif ukoll €12,082.84 fi' flus miġbura għall-entitajiet, għal total ta' €67,150.93.

33.06.02 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u żewġ membri oħra tal-Kunsill.

33.07 Pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku

33.07.01 Dwar dan il-punt, il-Kunsill kien iddiskuta fid-dettall aktar qabel, waqt il-parti tal-korrispondenza.

33.08 Proġetti

33.08.01 il-Kunsill iddiskuta dwar il-proġetti tal-Kunsill, fosthom:

i. Dwar il-proġett ta' Ta' Darrenzi, kienet qed issir l-aħħar parti tal-evalwazzjoni wara is-sejħa għall-offerti;

ii. Dwar il-proġett tad-dħul ta' Għajn Tuffieħa, il-Kunsill kien għadu kemm approva li tinħareġ is-sejħa għall-offerti għall-dan ix-xogħol;

iii. Dwar l-installazzjoni tal-monument fi' Triq il-Banjijiet Rumani, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-artist kien ikkomunika u qal li kien impenjat sal-aħħar tal-2027 fuq proġetti oħra. Il-Kunsill ser ikompli bil-proċessi tal-permessi għall-dan il-proġett;

iv. Dwar is-sit ta' Tal-Għasfura, kien qed isir koordinament bejn il-perit ta' qabel u l-perit attwali tal-Kunsill sabiex jiġġedded il-permezz li kien wasal biex jiskadi;

v. Kien hemm diskussjoni wkoll dwar rapporti li kien fl-aħbarijiet dwar li s-sit tar-Riviera Hotel issa kien reġa lura għand il-Gvern. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat korrispondenza lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jiġi evalwat x' impatt se jkun hemm fuq il-Kunsill.

33.09 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

33.10.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie maqbul li l-laqgħat ta' wara ssir it-Tnejn 26 ta' Ottubru, it-Tnejn 16 ta' Novembru u it-Tnejn 14 ta' Diċembru, dejjem fil-5:30pm.

33.11.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fis-7:18pm.

Paul Vella **Cyprian Dalli**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, _____ , _____ tax-xahar ta' _____,tas-sena _____ .